MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2003

Numru 290/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Chris Pullicino)**

**Vs**

**Renald Baldacchino, 23 sena ben Lawrence w Pauline nee` Debattista, mwieled H'Attard nhar it-13 ta' Settembru, 1979, residenti 54, Triq il-Mejjila, Qormi, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 431079(m)**

**<u>Illum 30 ta' Settembru, 2005</u>**

Il-Qorti.

Rat l-akkuzi fejn l-hawn fuq imsemmi gie akkuzat talli f'Hal-Qormi, fit-28 ta' Marzu, 2003, ghall-habta tas' 1.00 ta' wara nofs in-nhar, fi Triq il-Mejjila, bil-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Victor Vella f'perikolu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt

billi ta' daqqiet bi strument li jaqta u bil-ponta lill-imsemmija persuna, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu.

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi permess ta' strument, li taqta u bil-ponta ikkaguna ferti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Victor Vella kif iccertifikat minn Dr. Diane Tabone MD ta' l-isptar San Luqa liema feriti jistu jikkagunaw debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem jew iggib difett permanenti f'parti tal-gisem jew marda permanenti tal-mohh ta' l-imsemmi Victor Vella.

Talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna ta' Victor Vella kellu fil-pussess tieghu arma regolari (Stallett) u dan bi ksur ta' l-artikolu 26(a)(b) tal-kapitolu 66 tal-ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess data, f'Hal-Qormi u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, gar arma regolari (Stallett) u talli kellu fil-pussess tieghu jew kontroll tieghu, jew f'idejh jew fuqu xi arma regolara barra minn fond jew u post li jaghmel mieghu minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-pulizija w dan bi ksur ta' l-artikoli 3 (1)(1A) tal-kapitolu 66 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat li hu rregistra li ma kienx hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali taht liema tista tista tinstab htija u cioe`:

- 41(1)(a), 218 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
- 218, 216, 217 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
- 3(1)(A), 19, 26(a)(b) tal-Kap 66 ta-Ligijiet ta' Malta
- 533 tal-Kap 533 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat li l-akkuzat ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji wara li nqrawlu l-artikoli.

Ikkonsidrat,

Illi din il-kawza titratta ta’ griehi maghmula mill-akkuzat permezz ta’ sikkina fuq il-persuna ta’ Victor Vella. Dan gara meta l-istess Victor Vella ex admissis aggredixxa lill-akkuzat appena dan ipparkja l-karozza minnu misjuqa hdejn daru. L-aggressjoni ta’ Victor Vella kienet immotivata mill-fatt li hu u martu kienu ghaddejjin minnn separazzjoni u l-akkuzat mizzewweg lil bint Vella, kien baqa habib ta’ mart Victor, b’dan li Victor beda jahseb li familtu bdiet taghtih il-genb. Barra minn hekk hu anke akkuza waqt din l-aggressjoni lil Baldacchino li kien involut fil-bejgh tal-karozza Izuzu, fatt li fil-fatt ghamlitu mart Vella.

Konsegwenza ta’ din l-aggressjoni Vella sofra griehi gravi minhabba qtugh li sofra f’idejh.

Ghandu jinghad ukoll illi l-ewwel darba li gie jixhed, Victor Vella, dan ma ammettiex il-fatt li hu kien fil-fatt mar ghas-sodisfazzjon . Kien aktar tard fil-mori tal-kawza li Vella, issa pentit ta’ azzjonitu xehed li hu kien zbalja fil-konfront ta’ Baldacchino, tant li anke hafirlu ta’ dak li kien ghamillu u sahansitra stqarr li l-griehi sofferti a kawza ta’ Baldacchino ma kienux hallewlu ebda effett.

Jigi relevant ukoll illi pero l-griehi sofferti minn Vella kienu in parte ta’ natura gravi (in kwantu kien hemm ohrajn ta’ natura hafifa). (Vide rapport ta’ Dr. Mario Scerri).  Illi rrizulta wkoll mill-provi prodotti illi Baldacchino fera lil Vella b’sikkina li hu kien jzomm fil-karozza, dan ghax hu kien jhossu mhedded precedentament minn Vella. Dan il-fatt jirrizulta ben sew kemm mill-istess stqarrija tal-akkuzat kif ukoll mix-xhieda moghtija minnu viva voce.

Jigi relevant ukoll  illi l-akkuzat ta’ zewg versjonijiet differenti bejn dak li qal fl-istqarrija u dak li qal viva voce. Din id-differenza kienet fil-fatt li viva voce xehed li Vella meta mar jaggredih kellu strument f’idu. Dan l0fatt hu qatt ma semmieh fi stadju ta’ stqarrija, anzi meta xehed l-Ispettur Angelo Caruana qal li Baldacchino ghalkemm fil-bidu hareg b’din il-verzjoni, wara stqarr mod iehor.

Irrizulta wkoll mill-provi prodotti illi Baldacchino ma kellu ebda tip ta’ licenzja jew permess biex izomm u jgorr arma (stallett) taht il-Kap 66 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ikkonsidrat,

Illi d-difiza stiednet lil Qorti li tikkonsidra l-azzjoni ta’ l-akkuzat bhala wahda mhux imputabbli in kwantu titratta ta’ legittima difeza, il-piu ta’ eccess ta’ l-istess.

Illi din il-Qorti m’ghandha ebda problema temmen li Vella kien verbalment tramite it-telephone heddet lill-akkuzat. Tista temmen ukoll din il-Qorti illi Baldacchino ghazel li ma jirrapportax dan it-theddid ghax hu kien mizzewweg lit-tifla ta’ l-akkuzat. Illi jidher li Baldacchino kien ilu jgorr l-arma mieghu ghal ftit xhur ghax beda jibza minn hatnu.

Jirrizulta wkoll li fil-fatt kien Vella li fisikament aggredixxa lil Baldacchino billi beda jaghtih bil-ponn filwaqt li dan kien ghadu fil-karozza. Di piu l-istess Vella qabad ma fizikament mar ghal Baldacchino, saq bis-sahha ghal fuq il-karozza ta’ Vella u baqa diehel fil-karozza tal-akkuzat. Dan il-fatt huwa wkoll korraborat mill-passiggier li kellu mieghu l-akkuzat, Neville Gauci.

Kien hawn li Baldacchino hareg mill-vettura u ha s-sikkina mieghu mill-karozza u beda jaghti biha lil Vella. Gia ppronuncjat ruhha din il-Qorti lihija ta’ l-opinjoni li Vella f’idu ma kellu l-ebda strument. Lanqas ma thoss il-Qorti li l-uzu tal-arma, l-istallett, kien jikkonsisti f’xi bzonn attwali necessarju biex jirribatti d-daqqiet li hu cioe` l-akkuzat kien qed jircievi minghand Vella. Terga u tghid Baldacchino kien eccessiv in kwantu anke jekk hu baqa jircievi d-daqqiet ta’ ponn (emfazi al-Qorti) hu ta lura tlett daqqiet ta’ stallett, meta huwa kellu xelta logika li jidhol lejn daru. Punt iehor li tikkonvinci lill-Qorti mill-intenzjoni tal-akkuzat huwa l-fatt illi biex waqaf minn naha tieghu jaggredixxi lil Vella, kellu jkun terz li hadllu l-arma minn idu.

Ghaldaqstant qed issibu hati biss tar-reati kkontemplati taht l-artikoli 216, 217 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u ta' l-artikoli 3(1)(1A), 19, 26 (a)(b) tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta. Rat il-fedina penali ta; l-akkuzat li hija ghal kollox netta, ikkonsidrat dawk li kienu c-cirkostanzi tal-kaz. Qeghda ghalhekk tikkundanna lil Renald Baldacchino ghal sena habs sospizi ghal sentejn wara li rat l-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ukoll l-artikolu 19 tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna ukoll il-konfiska ta' l-arma (sikkina) esebita.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------